**26 ta' Novembru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Edward Cilia

*versus*

Antonio Panzavecchia

**Kjamat fil-kawża.**

*Anke raġunijiet lievi huma biżżejjed għall-kjamata ta' terz in kawża purkè, però, it-terz li tiegħu tintalab is-sejħa fil-kawża jkun verament persuna li għandha komunanza ta' interess*

*fil-kawża, b'mod illi jista' jiġi eventwalment kundannat jew liberat, jew anki jekk ma jissodisfax dan ir-rekwiżit, ikun almenu persuna li mis-sejħa forzata tagħha fil-kawża jkunu jistgħu jiġu rikavati vantaġġi oħrajn għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja bejn il-kontraenti oriġinali.*

Il-Qorti, rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 1964, mnejn jirriżulta li l-konvenut talab il-kjamata in kawża tas-sid preċedenti tal-post in kwistjoni;

Rat il-verbal l-ieħor tat-18 ta' Novembru, 1964, mnejn jirriżulta li l-konvenut bi tweġiba għal dak li l-Qorti ordnatlu jagħmel fit-28 ta' Ottubru, 1964, ċioè li jindika eżattament ir-raġunijiet tiegħu biex jitlob din il-kjamata in kawża, spjega li l-argument tiegħu huwa li fil-każ li l-attur kien naqas jiddenunzja l-ħsarat lis-sid preċedenti, dan in-nuqqas tiegħu seta' aggrava l-ħsarat u b'hekk jimmulita favur id-difiża tal-konvenut;

Ikkunsidrat fuq dan l-inċident:—

Li din il-Qorti fid-digriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 1964 in re **Meilaq vs. Grech**, b'riferenza għad-deċiżjoni Steptow vs. Spiteri (Vol. XVI. i, 117) u għal prattika tas-Sacra Rota Romana in materia, żammet li raġunijiet anki lievi huma biżżejjed għall-kjamata tat-terz in kawża purkè però, biex ma jsirx abbuż ta' dana l-istitut, it-terz li tiegħu jintalab is-sejħa fil-kawża jkun verament persuna li għandha komunanza ta' nteressi fil-kawża, b'mod li jista' jiġi eventwalment kundannat jew liberat, jew, anki jekk ma jissodisfax dan ir-rekwiżit, ikun almenu persuna li mis-sejħa forzata tagħha fil-kawża jkunu jistgħu jiġu rikavati vantaġġi oħrajn għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja bejn il-kontraenti oriġinali, bħal meta jkun terz li jista' jsostni r-raġunijiet tal-wieħed jew tal-ieħor jew ir-raġunijiet tiegħu stess fil-konfront tagħhom b'mod li jagħti kontribut neċessarju għall-provokazzjoni ta' deċiżjoni, entru l-limiti tal-azzjoni ntentata, li tistabilixxi ċerti fatti u ċerti dritti-

jiet, sija favorevoli jew kuntrarji għalih innifsu, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi liberat jew kundannat;

Illi l-Qorti, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, a differenza mill-każ ta' **Meilak v. Grech** fuq ċitat, li kien jirrigwarda jekk inkwilin kienx issulloka fond bil-kunsens tas-sid, u l-kjamata tal-inkwilin fil-kawża għall-iżgumbrament minħabba nuqqas ta' titolu bejn is-sid u s-subinkwilin, u fejn kienu nvoluti danni li setgħu ġew akkollati lill-inkwilin ma ssibx li r-raġuni avanzata mill-konvenut hija suffiċjenti għal biex jiġi rekat dan l-inkonvenjent fit-terz, għaliex apparti l-fatt li r-Rev. Kanoniku Fleri, li kien l-amministratur tal-post preċedentement miet, l-istess skop li jrid jirraġunġi l-konvenut jista' jiġi ugwalment ottenut bis-sejħa ta' dawka li ssuċċedewh fil-proprjetà bħala sempliċi xhieda, dejjem fl-ipotesi, li għadha mhijix pruvata, li l-attur kien fil-fatt ittraskura d-denunzja ta' xi ħsarat lis-sid preċedenti, li d'altronde dejjem missu wkoll issorvelja ħwejġu. Min-naħa l-oħra jekk il-konvenut jippretendi li jista' jkollu xi regress kontra s-sid preċedenti, pretensjoni dedotta fin-nota tal-eċċezzjonijiet imma in segwitu abbandunata mill-konvenut bil-verbal tat-18 ta' Novembru, 1964, dik l-eventwalità tista' tiġi koperta b'sempliċi riserva, jekk ikun il-każ.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma tistax takkolji b'favur it-talba tal-konvenut għall-imsemmija kjamata in kawża u tirrespinġi l-istess talba bl-ispejjeż ta' dana l-inċident kontra l-konvenut.

Omissis.